# AVVIŻI

**Parroċċa Sant' Elena Birkirkara**

**Mil-Ħadd 31 ta' Lulju 2011 sal-Ħadd 7 ta' Awwissu 2011 ( 31 )**

**IL-ĦADD 31 / 07 / 11**
Fl-10,30am fil-Bażilka Konċelebrazzjoni bħala radd il-Ħajr lil Alla għall-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Dun Nicholas Dimech

**IT-TNEJN 01 / 08 / 11**
Fis-7.00p.m. fiċ-ċentru S.Elena laqgħa tal-Kummissjoni żgħażagh u addoloxenti

**IT-TLIETA 02 / 08 / 11**
Fid-9.00a.m. fiċ-ċentru S.Elena jkompli is-Summer Club.
Nifirħu u nawguraw lil Kan Pawl Gauci, u Kan Karm Calleja f'għeluq il-58 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom.

.

**L-ERBGĦA 03 / 08 / 11**
Fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba fis-6.30p.m. ĊELEBRAZZJONI Marjana u fis-7.00p.m. L-Ewwel Tridu bi preparazzjoni għall-Festa
Nifirħu u nawguraw lil Fr. Martin Cilia MSSP f'għeluq l-10 snin mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

**IL-ĦAMIS 04 / 08 / 11**
Fid-9.00a.m. ikompli is-Summer Club fiċ-ċentru
Wara l-Quddiesa fil-Bażilka fis-7.00p.m. Adorazzjoni
Fis-Santwarju tal-Ħerba t-Tieni jum ta' Tridu 6.30p.m. Ċelebrazzjoni Marjana
Fis-7.00p.m. Quddiesa.

**Il-GIMGĦA 05 / 08 / 11**
Fiċ-Ċentru S.Elena fis-7.00p.m. tħejjija tal-Vanġelu tal-Ħadd
Fis-Santwarju Tal-Ħerba it-Tielet Jum ta' Tridu Mistiedna dawk il-Koppji li żżewġu F'tal-Ħerba. Jingħataw tifkira tal-okazzjoni.

**IS-SIBT 06 / 08 / 11**
Fis-Santwarju tal-Ħerba fl-4.30p.m. Ċelebrazzjoni Marjana u wara Quddiesa b'suffraġju ta' ħutna li mietu matul ix-xahar ta' Lulju
Fis-7.00p.m. fuq iż-żuntier tas-Santwarju issir il-prezentazzjoni tat-trabi

**IL-ĦADD 07 / 08 / 11**
Festa tal-Madonna tal-Ħerba 101 sena mill-Inkurunazzjoni
Quddies fis-7.15am u fis-6.00p.m.
Fl-4.30p.m. fil-Bażilka jingħata s-sagrament tal-Magħmudija fil-Quddiesa

Fil-ħarġa ta' Flimkien /Qanpiena Mons Arċisqof jikteb fuq l-istabbilita taż-żwieġ, li issa ġiet imminata bil-Liġi tad-divorzju. Mons Cremona jħeġġeġ lil kulħadd biex naħdmu aktar biex insaħħu l-familja.Artiklu ieħor fuq il-perikli wieħed jgħaddi informazzjon bl-addoċċ dwaru nnifsu fuq l-internet, u fuq mizuri ta' l-Unjoni Ewropea biex it-tfal jitħarsu mill-abbuzi permezz ta' l-internet. Storja vera tirrakkonta l-esperjenzata'ġeniturili 'l uliedhom tawhom kollox,minbarra l-attenzjoni biex ikollhom trobbija soda għal ħajjithom.
F'din il-ħarġa insibu l-programm tal-festa tal-Madonna tal-Ħerba u dik ta' Sant'Elena.

Mal-fuljett Flimkien/ Qanpiena ġew imqassma l-envelops għall-għotjiet tal-festa l-ENVELOPS qegħdin jinġabru, min ikollu xi diffikulta l-envelop jista' jġibu l-Knisja miegħu/magħha

Nagħmlu appell għall-ilbies deċenti fil-postijiet tat-Talb tagħna. Ċertu ilbies jista' jaffettwa ħażin il-ħajja spiritwali ta' oħrajn.

Matul din il-Gimgħa mill-Parroċċa tagħna mar jiltaqgħa ma' Kristu Rxoxt ;
Salvatore Borg . Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem .....